

22001D0062

6.9.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 238/5

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 62/2001

tad-19 ta' Ġunju 2001

li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iż-żejjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 9/2001 tat-23 ta' Frar 2001 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/72/KE tat-22 ta' Novembru 2000 li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 93/31/KEE dwar waqfiet għal vetturi b'żewġ roti b'makna ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,
- (3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/73/KE tat-22 ta' Novembru 2000 li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 93/92/KEE dwar l-istallazzjoni ta' apparat tad-dawl u apparat ta' sinjalar bid-dawl fuq vetturi b'żewġ u tlett roti b'makna ⁽³⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,
- (4) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/74/KE tat-22 ta' Novembru 2000 li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 93/29/KEE dwar l-identifikazzjoni ta' kontrolli, *tell-tales* u indikaturi għal vetturi b'żewġ u tlett roti b'makna ⁽⁴⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDECIJEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 45i (Direttiva tal-Kunsill 93/29/KEE) fil-Kapitolu I ta' l-Anness II għall-Ftehim:

“– **32000 R 0074:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/74/KE tat-22 ta' Novembru 2000 (ĠU L 300, tad-29.11.2000, p. 24).”

Artikolu 2

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 45k (Direttiva tal-Kunsill 93/31/KEE) fil-Kapitolu I ta' l-Anness II għall-Ftehim:

“– **32000 L 0072:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/72/KE tat-22 ta' Novembru 2000 (ĠU L 300, tad-29.11.2000, p. 18).”

⁽¹⁾ ĠU L 117, tat-26.4.2001, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 300, tad-29.11.2000, p. 18.

⁽³⁾ ĠU L 300, tad-29.11.2000, p. 20.

⁽⁴⁾ ĠU L 300, tad-29.11.2000, p. 24.

Artikolu 3

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 450 (Direttiva tal-Kunsill 93/92/KEE) fil-Kapitolu I ta' l-Anness II għall-Ftehim:

“– **32000 L 0073:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/73/KE tat-22 ta' Novembru 2000 (ĠU L 300, tad-29.11.2000, p. 20).”

Artikolu 4

It-testi tad-Direttivi tal-Kummissjoni 2000/72/KE, 2000/73/KE u 2000/74/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-20 ta' Ġunju 2001, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Komitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmulu fi Brussel, fid-19 ta' Ġunju 2001.

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ebda ġtiġiet kostituzzjonali indikati.